# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-sitt laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn, 6 ta' Dicembru 2010 mill-5.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard<br>Is-Sur Tony Formosa<br>Is-Sinjura Ramona Montebello (Skuzata)<br>Is-Sur Emmanuel Farrugia |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghas-sitt laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti is-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Emmanuel Farrugia u s-Sur Tony Formosa. Is-Sinjura

Ramona Montebello kienet skuzata. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

1. **Talba**

   Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, Is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 3**

   Il-minuti tal-hames laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sindku s-sur Michael Fenech Adami.

3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.**

   3.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, Is-Sur Ronald Briffa, qal li ma kienx hemm risposta minn naha tal-Madre. Ghalhekk huwa issuggerixxa li jmur jitkellem maghha personalment u jispjegalha l-ideja tan-'Night Shelter'.

   3.2 Dwar il-kuncert tal-akwadott ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal li ha jispjega lill-kapillan ghaliex mhux ha jsir il-kuncert fis-sala tieghu.

   3.3 Dwar il-festin tal-Milied, Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li id-data li din tista ssir hija t-23 ta' Dicembru. Huwa tal-ideja li jistieden korijiet ta-tfal, jsir party zghir u wara jitqassmu xi rigali zghar. Dan il-party m'ghandux ikun ta' spiza kbira u zgur li mghandux jaqbez l-elf Ewro. Is-Sur Tony Formosa qal li jekk jahsbu kmienu jkunu jistghu jixtru affarijiet 'in-bulk' u ghalhekk jkunu jistghu jgibu prezzijiet ahjar.

3.4 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa irringrazzja lill-kumitat tal-ghajnuna li taw biex kienu possibbli l-attivitajiet waqt il-Girja tal-President b'risq il-Malta Community Chest Fund.

3.5 Is-sur Antoine Attard staqsa jekk il-perit Bugeja kienx lesta il-costings tal-bieb ta' Fleur-de-Lys u staqsa jekk il-laqgha li kellha ssir mas Sur Joe Fenech Conti saritx. Is-segretarju ghandu jara fiex waslu dawn l-affarijiet. Dwar dan il-punt ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal li huwa ghamel kuntatt mal-Heritage Malta u qed jara jekk hux possibbli nakkwistaw xi fondi mill-Ewropa ghal dan il-progett.

3.6 Rigward is-sinjali tat-traffiku hdejn l-iskola Santa Monika is-Segretarju qal li dan qed jigi diskuss mas-sur Raphael Carabott. Huwa qal li jispera li dawn is-sinjali jehlu qabel ma tibda l-iskola.

3.7 Dwar il-kwistjoni tal-Konika, is-Sur Ronald Briffa qal li suppost kellha ssir laqgha fis-6 ta' Dicembru izda din thassret. Is-Sur Antoine Attard qal li din il-problema qeda' tkaxkar wisq u l-ilmenti dwar dan qed jizdiedu. Ghalhekk huwa issugerrixa xi tip ta' eskalazzjoni jekk dan il-meeting ma' jsirx f'qasir zmien. Wara diskussjoni is-Sur Ronald Briffa flimkien mas-Sindku s-Sur Micheal Fenech Adami issuggerixxew li ssir laqgha mat-Transport Malta, il-MEPA u d-Dipartiment tal-Lands.

3.8 Dwar l-iskart is-sur Ronald Briffa qal li hu sab lil xi hadd li jista' jwahhal b'xejn dawn it-tabelli ma' xi arbli u postijiet fejn jintrema l-iskart. Huwa qal lis-segretaju biex jwahhal tabella mis-sofor fi Triq il-Passju kantuniera ma' Triq il-Vlontin. Is-Sur Anthony Formosa qal li hemm bzonn jinfurzaw il-ligi. Fuq il-kaz ta Triq Cuschieri ghandhom ikomplu jsiru rapporti lill-Pulijija sakemm jittiehdu passi. Dwar Fleur-de-Lys ghandhom jitqabbdu Green Wardens biex iduru dawra mal-akkwati.

3.9 Dwar l-e-mail address is-segretarju qal li ghadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment.

3.10 Dwar jekk il-laqgha tal-kumitat Amministrattiv tistax ssirr filghodu, d-Dipartiment qal li l-ligi tghid li din trid issir wara l-hamsa ta' filghaxija, ghalhekk legalment mhux possibbli.

3.11 Gie diskuss min ghandu jigi mistieden ghall-attivita tal-akwadott li ghandha ssir it-tnejn 13 ta' Dicembru fil Primarja tal-Kullegg Santa Tereza. Ghandha tohrog 'right up' fuq il-gazzetti biex tigi rriklamata din l-attivita.

3.12 Is-Sur Ronald Briffa qal li kellu laqgha mas-sur John Borg dwar l-art li hemm wara Peter Blond biex jara kif wiehed jista jutillizza ahjar din l-art. Is-Sur John Borg li qieghed fuq il-kumitat tal-UEFA sejjer jaghti l-ghajnuna tieghu biex inkunu nistaw nidhlu f'xi skema tal- UEFA u b'hekk ikun jista jsir *pitch* tal-5 *a side* fuq din l-art. Is-sur John Borg issuggerixxa li dan issir fuq *lease* ta' ghaxar snin.

## 4. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

4.1 Dwar l-attivita tal-animali is-Sur Ronald Briffa qal li din sejra tithalla ghal aktar tard peress, li tal-Ghammieri hasbet li l-attivita kellha ssirr l-Ghammieri stess u mhux Fleur-de-Lys.

4.2 Fl-ahhar s-Sur Ronald Briffa qal li il-Kumitat ta' Fleur-de-lys flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara sejrin jaghmlu attivita spontanja bit-tema tal-karnival. Din ghandha ssirr gimgha qabel il-karnival tas-sena 2011.

## 5. Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Membri tal-Kumitat Amministrattiv

5.1 Dwar il-laqgha li kellu ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Chris Said, huwa qal li l-problemi li ghandhom il-Kumitati Amministrattivi huma kwazi komuni ghal kollha. Dawn jikkonsistu f'kif jitqassmu l-finanzi, il-possibilita li il-kumitati jkollhom l-istemma, l-arma, u l-ufficini taghhom. Dan ghandu jsir wara li jkun hemm qbil dwar il-konfini. L-Onorevoli Chris Said qal li dawn huma affarijiet li se jigu ttrattati s-sena diehla u li huwa tal-fehma li jsiru izjed laqhat li jinkludu l-membri tal-kumitati kollha biex dawn il-problemu ikunu jistaw jigu diskussi f'aktar detall.

5.2 Dwar il-konfini s-Sur Ronald Briffa qal li hu sejjer jikteb lis-Segretarju is-suggerimenti tal-kumitat li jinkludu Fleur-de-Lys Junction u n-naha l-ohra ta' Psaila Street.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fis-6.45pm u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011, fil-5.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa
Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv